IL-BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

## Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-Laqgha 29 (06)

Il-Kunsill Lokali al-Birgu ltaqa` ghal kontinwazzjoni tal-laqgha numru 29 fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta` Franza nhar il-Hamis 27 ta` Frar, 2014 fiit-tlieta u ghoxrin ta' wara nofsinhar (3.30pm) .

**Prezenti**

Is-Sindku John Boxall, il-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsilliera, is-Sur Anton Gellel u l-Ambaxxatrici Leanne Attard.

Is-Sur Lawrence Attard skuzat minhabba ragunjiet ta' mard.

Is-Sur Alan Cassar dahal ghal laqgha fl-4:30pm

Is-Sinjura Lara Mascena, Deputat Segretarju Ezekuttiv

**Talba**

Il-laqgha bdiet fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal laqgha.

**Korrispondenza**

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-MEPA dwar l-approvazzjoni tax-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza, fejn dawn gew approvati mill-istess MEPA.

Is-Sur John Boxall qara korrispondenza tal-Malta Archery fejn dawn uwrew ix-xewqa li juzaw parti mill- ‘Gnien il-Kunsill’ (Il-Foss) ghax f`dan il-post jaraw potenzjal u propju huwa post

adattat ghal dan it-tip ta' sports. Gie deciz li ssir laqgha mal-Malta Archery biex jigu carati ahjar l-aspettativi tal-Malta Archery.

Is-Sindku, is-Sur Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-bank HSBC fejn gie deciz li l-ATM ta` dan il-bank ser isir fejn Cafe Riche. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall qal li gie mahsub li jsir cupboard f'wahda mill-kmamar ta' isfel tal-Berga ta' Franza, fejn hemm l-ufficju tan-nurse u giet prezentata kwotazzjoni dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-kwotazzjoni giet approvata.

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qara korrispondenza li l-Kunsill, ircieva minghand l-avukata mill-qorti f'isem is-Socjeta Muzikali San Lawrenz dwar hsara li saret f'parti mill-garaxx ta' Fuq Tal-Hawli, u jekk il- Kunsill hux se jirrangha.. Gie mitlub sabiex l-Kunsill ihallas ghad-danni li saru. Dwar dan, dawk prezenti qablu li ghadha tintbghat ittra sabiex il-Kunsill ikun jaf xi hsara hija li qed tirreferi ghaliha din is-Socjeta`.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera dwar il-Kunsill Lokali taz-Zghazgah, fejn gew proponuti hames ismijiet ta' zghazagh mill-Birgu sabiex jifurmaw parti minn dan il-Kunsill.Dawn iz-zghazagh huma Cherise Grixti, Nadesh Portelli, Kayleigh Caruna, Miguel Farrugia u Matthew Gellel. Kien hemm qbil unanimu ghal dawk inominati.

Inqrat korrispondenza dwar progett bl-isem "All Right for European Rights", fejn ser isir konferenza gewwa Vicenza, l-Italja bejn it-3 u l-10 ta' Mejju,2014. Huma mistiedna jattendu zewg partecipanti minn kull organizazzjoni.

Giet moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar konferenza bl-isem "TECT, liema konferenza se ssir gewwa Tenerife bejn il-25 u 29 ta' Marzu 2014. u kollox imhallas. Dwar dan kien hemm qbil unanimu li nattendu ghal din il-konferenza.

Is-Sur John Boxall informa lill-Kunsilliera li saru l-intervisti liz-zewg kanditati elegibbli minn tlieta ghal post ta' Segretarju Ezekuttiv mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku, is-sur Boxall qara ir-rizultat tal-Bord fejn il-Bord irrakomonda li ghandha tintaghzel is-Sinjorina Fiona Said. Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament mar-rakomandazzjoni tal-Bord tal-Ghazla sabiex is-Sinjorina Fiona Said tkun is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta-Birgu.

Il- laqgha giet fit-tmiema fil-hamsa ta' filghaxija (5:00pm)

| | |
|---|---|
| Lara Mascena | John Boxall |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Sindku |

John Boxall - Sindku, Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Anthony Gellel - Kunsillier, Alan Cassar - Kunsillier, Lawrence Attard – Kunsillier
Lara Mascena– Deputat Segretarja Ezekuttiva